MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2022

Appell Inferjuri Numru 58/2021 LM

**Dhakal Prakash (K.I. numru 213301A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Dhakal Prakash (K.I. 213301A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tas-7 ta' Mejju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ddikjara null l-

appell tiegħu fil-konfront tad-**Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni** [minn issa ’l quddiem ‘id-Direttur appellat’], u għalhekk astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmi appell.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-appellant għal *Single Permit for Work and Residence,* li ġiet miċħuda mill-Aġenzija Identità Malta [minn issa ’l quddiem ‘l-Aġenzija’] għar-raġuni li *“...your prospective employer failed to provide the necessary requested feedback”.*

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà Total Management Solutions Co. Ltd, għan-nom tal-appellant, istitwiet proċeduri ta’ appell quddiem il-Bord fid-19 ta’ Ottubru, 2020 għar-revoka ta’ din id-deċiżjoni u sabiex tintlaqa’ l-applikazzjoni tiegħu. Fil-komunikazzjoni tiegħu lill-Bord tal-15 ta’ Ottubru, 2020, id-direttur tal-imsemmija soċjetà Chris Pullicino spjega li huwa kien għamel żmien ma jidħolx l-uffiċċju għaliex kien ma jiflaħx, u kien proprju għalhekk li huwa kien naqas milli jwieġeb it-talba tal-Aġenzija għal informazzjoni ulterjuri.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"2. __Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board__*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***__Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et__*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not neessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that his appeal was filed outside the time limit of three working days established by Article 25A(7) of the Immigration Act. After examining the documentation submitted by the appellant, the Board found that neither the appellant nor the prospective employer provided any explanation for the manifest lateness of the appeal.*

*Consequently, the appeal is being declared null."*

## __L-Appell__

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2021, fejn talab sabiex tiġi revokata d-deċiżjoni appellata, filwaqt li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord għall-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-appell tiegħu. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-Bord kien żbaljat meta ddikjara li l-appell kien tardiv.

6. Id-Direttur appellat wieġeb fl-1 ta' Ġunju, 2021 fejn issottometta li l-appell għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet li huwa jfisser fir-risposta tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju ewlieni tal-appellant fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mill-Bord, u meħuda wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tad-Direttur appellat.

8. L-appellant filwaqt li jagħmel riferiment għas-subartikolu 25A(7) tal-Kap. 217, jirrileva li l-Bord kien skorrett meta ddikjara li kemm hu u anki l-prinċipal prospettiv tiegħu kienu naqsu milli jagħtu spjegazzjoni dwar it-tardività tal-appell. Jikkontendi li r-raġuni fil-fatt tinstab fl-ittra li ntbagħtet lill-Bord minn Chris Pullicino għan-nom tas-soċjetà Total Management Solutions Co. Ltd, minn liema ittra jirriżulta wkoll li dawn saru jafu bir-rifjut tal-applikazzjoni u r-raġunijiet ta' tali rifjut fil-15 ta' Ottubru, 2020, u dan minkejja l-fatt li l-ittra kienet iġġib id-data tat-8 ta' Ottubru, 2020. L-appellant isostni li l-ispjegazzjoni li kienet tinstab f'dik l-ittra ma kinitx ġiet ikkontestata, u lanqas ma tressqet prova kuntrarja. L-Aġenzija saħansitra ma kienet ippreżentat l-ebda risposta tal-appell quddiem il-Bord, u l-Bord dan irrikonoxxih fid-deċiżjoni tiegħu stess fejn intqal li *"Identity Malta Agency filed no submissions".* L-appellant jissottometti li ittra li tintbagħat b'mezzi mhux elettroniċi, tista' faċilment tasal f'data aktar tard. Fil-każ odjern, jgħid li ġaladarba l-ittra ta' rifjut ġiet riċevuta fil-15 ta' Ottobru, 2020, it-terminu ta' tlett ijiem skada fl-20 ta' Ottubru, 2020.

9. Id-Direttur appellat isostni li d-deċiżjoni tiegħu kienet iġġib id-data tat-8 ta' Ottubru, 2020 u fil-fatt kienet ukoll ikkomunikata lill-appellat fl-istess data. Filwaqt li jagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartiklu 25A(7) tal-Kap. 217, jgħid li l-appellat stess jammetti li huwa ntavola l-appell tiegħu

quddiem il-Bord fid-19 ta' Ottubru, 2020, iżda id-Direttur appellat isostni li dan kien tardiv u għalhekk id-deċiżjoni appellata hija korretta. Jirrileva li l-appellant quddiem il-Bord iddikjara li Chris Pullicino fil-kwalità ta' prinċipal tiegħu ma kienx ġie notifikat fit-8 ta' Ottubru, 2020, iżda aktar tard. Madankollu l-ebda prova ma tressqet fir-rigward quddiem il-Bord u anki fl-istadju odjern, u għalhekk il-preżunzjoni għandha tkun li huwa ġie notifikat fid-data tad-deċiżjoni. Għal dak li kien jirrigwarda l-indispożizzjoni ta' Chris Pullicino ta' Total Management Solutions Co Ltd, id-Direttur appellant jissottometti li hawn ukoll ma tressqet l-ebda prova dokumentarja bħala ċertifikat mediku u/jew karta għall-appuntament mediku, u għalhekk id-dikjarazzjoni kif magħmula ma kinitx biżżejjed fejn saħansitra lanqas saret taħt ġurament. Irrileva wkoll li l-appellant ma ttenta jikseb l-ebda awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti sabiex iressaq prova in sostenn ta' dik is-sottomissjoni, li għal darb'oħra qegħda terġa' ssir fl-istadju tal-appell. Għalhekk, jgħid id-Direttur appellat, ir-raġuni mhijiex waħda kredibbli u l-aggravju tal-appellant għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti mill-ewwel tgħid li d-deċiżjoni appellata hija waħda tajba. Wara li l-Bord osserva li l-appell odjern kien ġie ntavolat wara t-terminu tat-tliet ijiem tax-xogħol stabbilit permezz tas-subartikolu 25A(7) tal-Kap. 217, ikkonstata mid-dokumenti ppreżentati mill-appellant, li kemm l-imsemmi appellant kif ukoll il-prinċipal prospettiv tiegħu, naqsu milli jispjegaw ir-raġuni għall-intavolar tardiv tal-appell u għalhekk iddikjarah null.

11. Il-Qorti taqbel għaliex tassew m'hemm xejn fl-atti li jista' b'xi mod jiġġustifika l-preżentata tardiva tal-appell odjern. L-appellant jittenta jargumenta li l-ittra li Chris Pullicino, id-direttur tas-soċjetà Total Management

Solutions Co. Ltd, kien fiha r-raġuni mitluba, iżda din il-Qorti tifhem li r-raġuni mogħtija f'dik l-ittra tirrigwarda n-nuqqas ta' dik is-soċjeta' li tissottometti dak mitlub minnha lill-Aġenzija sad-19 ta' Awwissu, 2020.

12. Jargumenta wkoll li faċilment l-ittra setgħet intbagħtet f'data wara li nkitbet fit-8 ta' Ottubru, 2020, iżda għal darb'oħra l-Qorti tosserva li l-ebda prova ma tressqet dwar l-irċevuta tagħha f'data sussegwenti. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, il-Qorti tikkonsidra li l-preżunzjoni għandha tkun li d-deċiżjoni tal-Aġenzija tat-8 ta' Ottubru, 2020 ma setgħetx waslet aktar tard minn jum jew jumejn wara li ngħatat, u b'hekk l-appell tal-appellant quddiem il-Bord kif intavolat fid-19 ta' Ottubru, 2020 kien tardiv.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell odjern u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**